**Imħallef:—**
**17 ta' Marzu, 1961**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Emmanuela Delia pr. et ne.

*versus*

Carmelo Delia

**Sentenza — Ċitazzjoni — Nullità — Korrezzjoni — Alimenti — Art. 175 tal-Proċedura Ċivili.**

*Sentenza għandha bħala effett tagħha l-preżunzjoni assoluta tal-verità ġuridika, anki jekk talvolta din hija kuntrarja. għar-realtà tal-fatti fil-konfront tal-partijiet intervenuti fil-kawża fejn ġiet pronunċjata s-sentenza; u sakemm is-sentenza ma tiġix impunjata bil-mezzi ordinarji u straordinarji konsentiti mill-liġi, dik is-sentenza għandha ssehħ u tipproduċi l-effetti tagħha.*

*Għaldaqstant, jekk mara tipproċedi kontra żewġha biex tottjeni l-awment ta' pensjoni alimentarja ġa kanonizzata favur*

*tagħha b'sentenza preċedenti, l-eċċezzjoni tar-raġel li s-sentenza preċedenti hija nulla għax martu għandha isem differenti minn dak li jidher fis-sentenza preċedenti, hija insostenibbli, ladarba, meta tiġi mogħtija dik l-eċċezzjoni, is-sentenza preċedenti ma tkunx ġiet impunjata.*

*In kwantu għaċ-ċitazzjoni u l-proċeduri attwali, fejn tiġi mogħtija dik l-eċċezzjoni, din mhix tali li tolqot il-meritu tal-kawża; u l-Qorti tista' tordna l-korrezzjoni ta' dawn il-proċeduri billi l-isem li jidher fil-proċeduri jiġi sostitwit bl-isem veru tal-mara.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Jannar 1958 ġiet awmentata għal £3. 3. 0d fil-ġimgħa l-pensjoni alimentarja (ġa ordnata b'sentenza oħra tal-ewwel ta' Frar 1956) li l-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi (martu) għaliha u għas-sitt uliedha (il-ħames minuri rappreżentati mill-attriċi u l-attur Alfredo Delia, ilkoll ulied l-attriċi u l-konvenut), u ġie ordnat li l-attriċi tkun tista' tirtira l-alimenti kollha direttament mill-Kaxxier tad-Dockyard (fejn kien jaħdem il-konvenut); u billi minn dak iż-żmien l-istat finanzjarju tal-konvenut żdied, u żdiedu l-bżonnijiet tal-attriċi proprio et nomine u tal-attur; talbu illi, għar-raġunijiet premessi, ir-rata tal-pensjoni alimentarja ta' £3. 3. 0d fil-ġimgħa, ġa msemmija, li l-konvenut ġie kundannat iħallas bil-ġimgħa bil-quddiem lill-attriċi u wliedha, tiġi awmentata għall-ammont li din il-Qorti jogħġobha tillikwida u tistabbilixxi skond ċ-ċrkustanzi tal-lum; u għall-istess raġunijiet jiġi ordnat li parti mill-paga tal-konvenut — ekwivalenti għar-rata alimentarja kif awmentata — tiġi mħallsa direttament lill-attriċi proprio et nomine u lill-attur mis-soċjetà "Bailey (Malta) Limited", li magħha jaħdem il-konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, li biha oppona l-ineżistenza u n-nullità tas-sentenzi preċedenti ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll in-nullità tal-istess att taċ-ċitazzjoni u tal-proċeduri quddiem l-Avukat tal-

Fqar, peress li mart l-eċċipjenti jisimha Emmanuela, u mhux Carmela;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita nullità;

Illi, kwantu għas-sentenzi preċedenti, dawn għandhom bħala effett tagħhom il-preżunzjoni assoluta tal-verità ġuridika, anki jekk talvolta din hija kuntrarja għar-realtà tal-fatti *fil-konfront tal-partijiet intervenuti f'dawk il-kawżi;* u kif esprimiet ruħha l-Qorti tal-Appell fil-kawża "Don Guglielmo Mamo vs. Can. Don Angelo Franceschini ed.", deċiża fl-14 ta' Marzu 1890, "le sentenze fanno legge in casi con esse decisi, e non è lecito dubitare dei diritti con esse acquistati da coloro a favore dei quali furono pronunziate" (Kollez. XII, paġ. 413 Col. 1 ma. med.). Sakemm dawk is-sentenzi ma jiġux impunjati bil-mezzi ordinarji u straordinarji konsentiti mil-liġi (u dan sal-lum ma jidherx li sar), dawk is-sentenzi għandhom iseħħu u jipproduċu l-effetti tagħhom kif del resto jammetti anki l-konvenut bil-ħlas tar-retta alimentarja lill-attriċi in eżekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi. Konsegwentement, "rebus sic stantibus", l-eċċezzjoni mhix sostnuta; salv lill-konvenut kull rimedju ieħor, jekk u skond il-liġi;

Illi, kwantu għan-nullità taċ-ċitazzjoni u tal-proċeduri "in forma pauperis", l-eċċezzjoni mhix tali li tolqot il-meritu tal-kawża, li fuqu l-konvenut ġa oppona eċċezzjonijiet oħra; u għalhekk il-Qorti għandha l-poter li tordna l-korrezzjoni meħtieġa skond l-art. 75 tal-Proċedura Ċivili (v. każi anologi riportati fil-Kollezzjoni, Vol. XXIX-III-261; XXIX-I-1171; XXXVII-III-891);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tordna li l-isem tal-attriċi "Carmela", kull fejn jirrikorri, anki fil-proċeduri li saru quddiem l-Avukat tal-Fqar, jiġi sostitwit bl-isem "Emmanuela"; u tħalli l-kawża għall-udjenza tat-28 ta' April 1961 biex titkompla skond il-liġi.